# FERHA BLA TEMMA

“Ma, missieri jidher li ser idum ma jigi. Jaqaw gralu xi haga?” staqsieh Anna lil ommha.“Jidher li ma nqalalghu xejn, ghax kieku kien icempel,” wegbitha ommha b’daharha lejha billi kienet qieghda thawwad il-borma biex l-ikel ma jaqbadx mal-qieh.“Kieku jaf kemm ghandi guh ma kienx idum daqshekk ghand Koronatu tal- bar!”

“Binti, inti taf li dak wara l- quddies jghaddi jxarrab grizmejk ma’ xi hbieb,” qaltilha l- omm b’ton ta’ disapprovazzjoni, billi din il-haga kienet tobghodha wisq fih. Mhux inqas kienet tismell li fil-hin liberu tieghu jmur jilghab il-karti ma’ xi hbieb tieghu. Il-loghob ma kienitx tnizzlu.“ Imma ma fadallux wisq biex jigi, tafx, ghax nofs in-nhar maghna. Jekk ihobb jidhol ghand Koronatu pero’ dejjem zamm il-hin.” Anqas lahqet spiccat kliemha li l-hoss tac-cavetta wera’ li l-missier kien wasal.

L-Avvent kien dahal gmielu u n-novena tal-Milied kienet fil-qrib hafna. Kien iz-zmien li fih Giovanna taghmel tindifa generali tad-dar. Taqla’ il-puritieri biex tibdilhom ma’ dawk tax-xitwa, tfarfar l-irkejjen kollha u tahsel wahda sew. Dak in-nhar Pinu ma marx ix-xoghol u dejjaqha diehel u hiereg mill-kmamar li tkun ghadha kemm lestiet.

Fl-ahhar ma setghitx tistaportih aktar u bi ftit lehen gholi qaltu: “Pin qed thammigli fejn naddaft. Ghax ma tmurx x’imkien u

thallini bi kwieti nahdem biex inlesti. Intant l-off tieghek ghal lum hallejtha."

Pinu ghamel ta' bir-ruhu li ha ghalih u qalilha li ser johrog biex ma jdejjaqhiex, izda lanqas biss lahaq ghalaq il-bieb li d-dehra ta' wiccu ma mbidlitx f'wahda ta' ferh. Baqa' sejjer dritt ghand Koronatu. Intasab f'rokna biex ikun ghall-kenn mill-bard u l-kesha u nghaqad ma shabu fil-loghob tal-karti. Meta kien



ghoddhom saru l-hdax u nofs telaq biex jirritorna d-dar kuntent li din id-darba ma marx minn taht bhal bosta drabi, izda hareg minn fuq. Kif kien sejjer id-dar ghadda minn quddiem tal-lottu u thajjar jiehu kwatern.

Dahal u ha n-numri tat-twelid tieghu u tal-Mulej: 25-12-21-9. "Jonqsok numru iehor Pinu, ghax issa hamsa u jekk taqtaghhom kollha ghandek 250, 000 ewro," qallu Ganni tal-lottu.

"Mela tini n-numru 49, kemm ghandi eta' jiena," wiegbu Pinu.

“Lil Giovanna tieghi ma nghidilha xejn ghax ara kemm tgorr daqs kemm tistmell il-loghob,” qal bejnu u bejn ruhu meta hareg minghand tal-lottu u kompla sejjer lejn id-dar.

“Qum Giovanna. Habbat il-bieb. Min jaf min gie dan il-hin?”, u filwaqt li ta harsa lejn l-arlogg u ra li huma s-siegha ta’ filghodu kompla,”Dan hin is-siegha ta’ filghodu min ix-xjaten gie?”

“Giovanna hemm l-ispettur ma’ erba’ pulizija,” qalilha

mistghageb Pinu.

“X’wahda din!!!!Imma inti zgur?   Marija Ssma ghinna inti. Ma rajtx hazin hux, forsi ghadek ma ftahtx ghajnejk seww?”

“Sew rajt.”

U libes malajr u nizel jiftah.

“Ara,” bdielu l-ispettur Gafa minghajr ma qaghad idur mal-lewza. “ Ghandna suspett li l-flus li nsterqu minghand il-markiz jinsabu ghandek u gejna nfittxuhom. Hawn ghandi l-awtorita’ biex nibda inqalleb u nfittex. Pero’ jekk tghidli fejn qeghdin nehilsuha hafif u barra bid-daqq.”“Spettur ma nafx fuq hiex qed titkellem. La sqrat u anqas ma ghandi flus misruqa ghandi.”

“Mela nibdew.” U ghajjat lil erba pulizija biex jibdew xoghlhom. Ma damux wisq li wiehed minnhom ghajjat lil Ispettur u qallu li fic-cumnija hemm xkora mohbija.

“Gibha hawn quddiem Pinu.” Dak ghamel kif qallu l-ispettur u meta fethuha sabu hafna u hafna karti ta’ l-ewro.“Ejja mieghi l-ghassa halli taghmel deposizzjoni.”

“Din xi tkun spettur. Jiena nnocenti.”

“Issa nispjegawlek kollox hemm.”

Meta waslu l-ghassa l-ispettur staqsieh minn fejn kienu gew dawk il-flus.“Ara jahasra ser nghidlek kollox u taghraf b’hekk li jiena bla htija. Telghuli n- numri li ktibt fi kwaternu irbaht is-somma ta’ 250,000 ewro .

Saffart il-biljett ghand Ganni tal-lottu. Ara hawn il-biljett biex tkun taf li qed nghid il-verita’”

“Jekk Ganni tal-lottu saffarlek il-biljett, il-biljett mhux suppost li qieghed ghandek. Barra minn hekk Ganni zgur ma ghandux somma hekk kbira li biha jista’ jsarraflek il-biljett.” U dar lejn il-pulizija biex jordnalu jitfghu fic-cipp. Dak il-hin li l-pulizija resaq lejh biex jimmanetjah, Pinu xejjirlu daqqa ta’ ponn.

“Ajma, ajma,” ghajtet Giovanna. Kien laqghat lil martu fuq rasha waqt li din kienet rieqda hdejh fis-sodda. Fid-dar saret hafna frattarija, izda wara li kkwieta kollox Pinu spjegalha kull dettal.

“Qlajt daqqa fuq rasi minhabba l-mishut loghob tieghek,” qaltlu Giovanna u kompliet, “Gennek dak il-loghob u tant gennek li tohlom bih.”

Inutli li Pinu pprova jiskuza ruhu u jitlob mahfra; tant kellha qilla li haseb li ahjar ihalli c-cirkustanzi jmexxuh huma.Is-Sibt wasal u telghu n-numri. Meta Pinu kien ghaddej minn quddiem Ganni tal-lotto u ta’ harsa lejn in-numri li telghu nduna li l-kwatern tieghu telghalu. Mar id-dar ta l-ahbar lil Giovanna. Martu ma ridtix temmen. Ma kellhiex kliem xi tlissen. Pinu widdibha biex ma titkellem ma’ hadd.  Haseb li Ganni ma jiftakarx x’kienu n-numri u hekk kollox jibqa’ mistur. Fil-bidu tal-gimgha kellhom jmorru fl-uficcju tal-lotto biex jiritiraw il-premju. Imma l-ufficjal qalilhom li huma ma kienux rebhu il-250, 000 ewro ghaliex minn erba numri telghu biss tlieta. Bi zball Ganni tal-lotto kien ghafas in-numru 8 flok 9.

Pinu sab lil Ganni u tah tghajjira kif tmiss il-ligi u ma gewx fl-idejn ghax indahlet il-pulizija. Damu xhur ma jitkellmu u jharsu lejn xulxin. Kien il-kappillan li dahal bejnithom biex jizra’ mill-gdid il-paci.